MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 2452/2000/1

**Joseph Busuttil**

**vs**

**All Care Insurance Agency plc u b'digriet tal-4 ta' Dicembru, 2001 giet imsejha fil-kawza is-socjeta' Middle Sea Insurance plc**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur fl-14 ta' Novembru, 2000, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur kien proprjetarju tal-vettura bir-registrazzjoni *FAW 751* tal-marka *Fiat Mirafiori* liema vettura kienet assigurata ghall-valur ta' elf u erba' mitt lira Maltin (Lm1,400) mas-socjeta' konvenuta taht polza ta' assigurazzjoni bir-

referenza *PC 01512 (PC MUMMS 1512)* kontra serq u hruq tal-istess vettura;

Dina l-vettura bir-registrazzjoni *FAW 751* tal-marka *Fiat Mirafiori* giet misruqa minghand l-attur fil-31 ta' Marzu, 2000 minn *Bormla* liema serqa giet rraportata lill-Kummissarju tal-Pulizija u l-vettura qatt ma regghet instabet;

L-attur interpella lis-socjeta' konvenuta bhala s-socjeta' assiguratrici tal-vettura tieghu sabiex jillikwidaw u jhallsuh is-somma ta' elf u erba' mitt lira Maltin (Lm1,400) liema ammont jirrapprezenta l-valur tal-imsemmija vettura li kienet assigurata mall-istess socjeta' konvenuta taht il-Polza Numru *PC 01512 (PC MUMMS 1512)* liema socjeta' baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Talab lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta bhala s-socjeta' responsabbli ghall-hlas tas-somma ta' elf u erba' mitt lira Maltin (Lm1,400) liema somma tirrapresenta l-valur tal-vettura bir-registrazzjoni *FAW 751* tal-marka *Fiat Mirafiori* li *ai termini* tal-polza tal-assigurazzjoni bir-referenza numru *PC 1512 (PC MUMMC 1512)* hija kienet marbuta li taghmel;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf u erba' mitt lira Maltin (Lm1,400) hekk likwidata lill-attur;

Bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-11 ta' April, 2000, tal-ittra ufficjali ta' Mejju, 2000, bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li *in forza* taghha ecepixxa illi:

1. Fl-ewwel lok is-socjeta' eccipjenti mhijiex il-legittimu kontradittur perezz li hi tagixxi bhala agent tal-*Middle Sea Insurance plc.*

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici *in kwantu* qed tintalab is-somma ta' Lm1,400 ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attur *stante* li l-valur reali tal-vettura *in kwistjoni* fid-data li insterqet ma kienx dak ta' Lm1,400 izda ferm anqas mehud *in konsiderazzjoni* li l-karrozza kienet ilha barra cirka 19 il-sena, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni;

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-eccipjenti m'ghandhix tbaghti spejjes *stante* li hija offriet, bhala agent tal-*Middle Sea Insurance plc*, li thallas lill-attur is-somma li tirrappresenta l-valur reali tal-istess vettura fid-data tas-serq, liema offerta huwa irrifjuta minghajr raguni valida fil-ligi.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-4 ta' Dicembru, 2001, li *in forza* tieghu giet imsejha fil-kawza s-socjeta' *Middle Sea Insurance Limited;*

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' imsejha fil-kawza li *in forza* taghha ecepiet illi:

1. Fl-ewwel lok, illi s-socjeta' eccipjenti m'hijiex *"Limited"* izda *"plc"*;

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur *stante* li fid-data li nsterqet il-karrozza *in kwistjoni*, il-valur reali taghha kien ferm inqas minn Lm1,400 u dana kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-7 ta’ Frar, 2002, li *in forza* tieghu giet milqugha talba ghall-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza billi l-kelma *“Limited”* wara l-kliem *“Middle Sea Insurance”* tigi mibdula bil-frasi *“plc”;*

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur f’din il-kawza kien sid il-vettura tat-tip *Fiat Mirafiori*, numru tar-registrazzjoni *FAW-751*, liema vettura kienet inxurjata mas-socjeta’ kjamata fil-kawza, tramite s-socjeta’ konvenuta li kienet qed tagixxi bhala *broker*. Il-polza ta’ assikurazzjoni igib ir-riferenza numru *PC 01512*, u, fil-mument tas-serqa, il-karozza kienet inxurjata fuq valur ta’ Lm1,400. Fil-31 ta’ Marzu, 2000, il-vettura *in kwistjoni* giet misruqa, u ghalkemm l-akkadut gie rrapportat lill-Pulizija, minn allegatament seraq il-vettura ma nstabx, u lanqas ma nstabet il-vettura. L-attur, ghalhekk, ghamel *claim* mas-socjeta’ assikuratrici, u talab li jinghata s-somma ta’ Lm1,400, li kienet is-somma li fuqha l-karozza giet assigurata. Il-konvenuti jaqblu li ghandhom jaghmlu hlas ta’ kumpens, izda mhux ta’ Lm1,400, izda tal-valur reali tal-vettura fid-data li insterqet, mehud *in konsiderazzjoni* tal-fatt li l-karozza kienet ilha barra cirka 19-il sena.

Hu ammess li l-attur xtara l-vettura *secondo man*, u kienet ghandu xi seba’ snin qabel ma nsterqet. Il-karozza kienet inxurjata mas-socjeta’ *Middle Sea Insurance*, izda l-attur kien jinqeda bil-*broker* maghzul minnu, *cioe’*, *All Care Insurance Agency.* Originarjament, il-karozza kienet inxurjata fuq valur ta’ Lm1,900, *pero’*, eventwalment, il-valur tnizzel ghal Lm1,400. L-attur hallas il-*premium* fuq

il-valur rispettiv li inghata lill-karozza, u l-hlas kien dejjem jigi accettat.

Skond l-attur, is-socjetajiet konvenuti, kienu jsaqsuh biss jekk iridx jaghmel tigdid tal-polza, u qatt ma qalulu jekk riedx ibiddel il-valur moghti lill-karozza. Skond l-ufficcjali tas-socjeta' konvenuta, min naha l-ohra, kull meta jasal iz-zmien li se taghlaq polza ta' assikurazzjoni, u l-klient juri interess li jggedded l-assikurazzjoni, isaqsuh jekk iridx jaghmel xi tibdil (skond Mark Camilleri) jew jekk iridx ihalli l-karozza fuq il-valur li jkun hemm (skond Carmen Agius).

Din il-Qorti, li semghet ix-xhieda viva voce, hija aktar propensa li taccetta l-versjoni tas-socjeta' konvenuta, specjalment ix-xhieda ta' Carmen Agius li tat impressjoni lill-Qorti li hi xhud li tista' toqghod fuqha. Din kienet cara fid-deposizzjoni taghha, u spjegat li hi dejjem kienet tinforma lill-klienti bl-implikazzjoni tal-valur indikat fuq ir-*renewal notice*. Hi qalet li kienet tispjega lill-klienti li jekk il-valur tal-karozza ikun nizel, ikun inutili li jhallu l-valur gholi, ghax jekk jigrilha xi haga, il-kumpanija assikuratrici ma taghtix il-valur indikat, izda kemm tiswa fis-suq. Ic-*Chief Executive Officer* mas-socjeta' konvenuta ikkonfermat li l-*istaff* kellu *instructions* cari li, meta klient jigi ghal-*renewal*, irid jigi mistoqsi jekk iridx ibiddel xi haga u jekk hux sodisfatt bil-valur indikat. Din xehdet li *"ahna dejjem nghidulhom ukoll li nonostante l-valur li jkun hemm insurjat, il-posizzjoni tal-insurance hija biss biex tpoggi l-klient fl-istat li kien qabel ma grat il-hsara jew it-telf, jigifieri ahna naghtu lura biss il-valur tal-oggett fil-mument li jkun danneggjat jew misruq, jigifieri kemm hu l-market value tal-oggett"*.

Apparti dan, is-socjeta' konvenuta *All Care* kienet agent maghzula mill-attur, u skond il-gurisprudenza lokali, l-agent huwa <u>l-mandatarju tal-assikurat</u>, u mhux tas-socjeta' li tohrog l-assikurazzjoni (ara <u>"Vassallo vs Azzopardi"</u> decisa minn din il-Qorti fil-21 ta' April, 1999, u <u>"Azzopardi vs Middle Sea Insurance"</u> decisa wkoll min din il-Qorti fis-16 ta' Mejju, 2002). *Kwindi*, la darba l-mandatarja (is-socjeta' konvenuta) kienet taf b'din il-procedura, is-socjeta' assikuratrici hija zgur koperta, ghax

hi ghaddiet l-informazzjoni mehtiega lill-mandatarja tal-assikurat. Jekk il-mandatarja naqset mid-doveri taghha lejn il-mandant, dan ta' l-ahhar irid jaraha maghha, *pero'*, mhux fuq bazi tal-polza ta' assikurazzjoni, izda *a bazi* tar-relazzjoni kontratwali bejn il-mandant u l-mandatarja. *A bazi* tal-polza ta' assikurazzjoni, il-bazi ta' din il-kawza, l-attur, *pero'*, ma jistax jitlob aktar minn dak li tipprovdi l-polza.

Kif inghad, f'kull kaz, il-Qorti hi perswaza li lill-attur kien jigi mitlub jghid jekk hu riedx ibiddel xi haga fl-assikurazzjoni. Barra minn dan, fir-*renewal noticies* li hu kien jircievi minghand is-socjeta' konvenuta, fir-*remittance slip*, li l-klient kien mitlub jibghat lura mal-hlas, kien hemm avviz (*"Important Note"*) li bih il-klient kien jigi avvzat li l-valuri tal-oggetti assikurati jinbidlu kontinwament, u li kien fl-interess tieghu li jaghmel il-verifiki opportuni, ghax altrimenti l-polza *"may either not operate or not operate fully"*. L-attur jidher li ma tax kaz din it-twisija, u lanqas ma ivverifika l-posizzjoni tieghu. Kull persuna trid tiehu l-briga tindaga u tivverifika l-posizzjoni taghha; m'ghandhiex tistenna li dak li jkun jghidilha b'kollox, izda ghandha tiehu interess tindaga, u fejn ma tafx, isaqsi. L-attur kellu jkun jaf x'inhi l-posizzjoni f'kaz li l-karozza tinsteraqlu, u kien kull sena jigi imwissi dwar il-valur moghti lill-karozza u l-implikazzjoni marbuta maghha.

Barra minn dan, min johrog polza ta' assikurazzjoni, ghandu jidenja ruhu jaqra jew jigi miftiehem il-kondizzjonijiet marbuta mal-istess polza. F'dan il-kaz, fil-polza kien hemm klawsola fis-sens illi:

*"The liability of the company shall be limited to the reasonable market value of the motor vehicle immediately prior to the loss or damage but not exceeding the insured's estimate of value stated".*

Din il-klawsola kienet ricentement l-oggett ta' interpretazzjoni fil-kawza "Camilleri vs Middle Sea Insurance plc", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Mejju, 2005. F'dik il-kawza intqal hekk *a propositu* ta' din il-materja:

*"Mhux kontrovers illi l-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa wiehed aleatorju in kwantu kif jinghad fl-Artikolu 964, Kodici Civili, dan jiddependi minn avveniment incert jew minn kontingenza. Dan riferibilment ghall-qliegh jew it-telf, ghaz-zewg partijiet jew ghal wahda minnhom. Ghalhekk jekk ma jkunx hemm l-alea jonqos l-element principali ta' dan il-kuntratt. Ara* ***"Joseph Micallef nomine vs Roman Vella"****, Qorti Civili, Prim'Awla, 6 ta' April, 1973;*

*Huwa kuntratt li jitqies validu meta jkun hemm il-"consensus ad idem" tal-partijiet (****"Lina Zerafa nomine – Avv. Joseph Fenech nomine****", Qorti tal-Kummerc, 30 ta' Mejju, 1980). Pero', aktar minn kuntratti ohra, hu distingwibbli ghal fatt illi sostrat primarju tieghu huwa l-"uberrima fides". Vide* ***"Micheal Bertuello vs Victor Cordina proprio et nomine"****, Appell Kummercjali, 11 ta' Lulju, 1994;*

*Premessa din l-introduzzjoni preliminari, bhal kull kuntratt iehor il-kontenut tieghu jartikola ruhu f'sensiela ta' proposizzjonijiet jew klawsoli li flimkien jaghtu unita precettiva lin-negozju guridiku. Huwa ghalhekk ukoll illi l-Kodici Civili fl-Artikolu 992 jiddixxiplinah u, anzi jiddefinih, bhala ligi bejn il-partijiet kontraenti, u allura jobbliga mhux biss ghal dak li jinghad fih izda ukoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi (Artikolu 993);*

*Fil-kaz in ezami l-vettura de quo kienet assigurata taht polza li taghti kopertura ghal "third party, fire and theft". Fiha jinghad expressis illi fil-kaz ta' telf jew hsara tal-vettura assigurata, "il-hlas hu limitat ghall-valur ragonevoli fis-suq tal-vettura immedjatament qabel it-telfa jew hsara, bla ma jaqbez l-istima moghtija mill-assigurat kif tidher fl-iskeda" (Taqsima III tal-Polza, fol. 54).*

*Dan il-patt jenuncja l-principji ta' l-indennizz li ghandu jigi korrispost mill-assiguratur. Huwa kjarament desumibbli minnu illi kull konsegwenza patrimonjali negattiva ghall-attrici appellanti trid tigi kalkolata skond parametri objettivi*

*tas-suq fil-mument tas-sinistru. Minn dan huwa evidenti bosta illi l-valur ta' affezzjoni li wiehed jista' jkollu fir-rigward tal-haga assigurata mhux rizarcibbli;*

*F'dan ma hemm xejn gdid li ma nsibuh f'certi disposizzjonijiet generali stabbiliti fil-Kodici Civili relattivi ghar-rizarciment tad-dannu. Disposizzjonijiet intizi biex jiddeterminaw il-kwantum u l-forma tar-rizarciment. Ad ezempju, l-Artikoli 1135 sa 1138 ta' l-imsemmi Kodici. Minnhom hu kjarament ovvju illi funzjoni primarja ta' l-obbligazzjoni ta' rizarciment hi l-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u tar-restawr, almenu par equivalent, tal-qaghda antecedenti ghall-fatt. Dan f'somma li tekwipara l-valur reali ta' l-utilitajiet mitlufa jew ta' l-oggett distrutt. Ara a propozitu* ***"Antonio Zammit vs Mario Calleja"****, Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Jannar, 1977".*

Din il-Qorti taqbel mas-suespost, u taqbel li l-kumpens li ghandu jinghata ghandu, allura, ikun ekwivalenti ghal-valur reali ta' l-vettura misruqa. Dan il-principju gie applikat ukoll minn din il-Qorti fil-kawza "Bezzina vs Laferla noe", decisa fit-3 ta' Novembru, 2004. Dan il-principju gie abbraccjat anke mit-Tribunal Ghat-Talbiet iz-Zghar fil-kawza "Camilleri vs Middle Sea Insurance plc", decisa fl-14 ta' Ottubru, 2004, fejn intqal *a propositu"*

*"Il-fatt li gie stabbilit il-valur ta' tmien mija fil-polza jew fir-'renewal notice' ifisser li dak huwa l-ammont massimu talvolta pagabbli mis-socjeta' konvenuta, u mhux l-ammont li ta' bilfors ghandu jithallas. In-negozju tal-assigurazzjoni huwa negozju fejn l-assigurat jinghata servizz billi jigi kopert lilu riskju futuri potenzjali. Ma ghandu jkun hemm l-ebda lukru da parti tal-assigurat f'kaz ta' telf/hsara billi l-assikurazzjoni qieghda hemm biex taffettwa risarciment tal-istess telf/hsara f'dak il-'punctorum temporis'. Il-fatt li l-assigurat qed ihallas ammont ta' 'premium' fuq somma dikjarata ma jfissirx li ghandu jkun hemm pagament ta' dik is-somma kollha izda f'hafna kazijiet tas-somma anqas ekwivalenti ghat-telf/hsara soffert mill-assigurat".*

F’dan il-kaz, gie stabbilit li l-valur reali tal-karozza qabel ma din insterqet kien ta’ Lm400.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ it-tieni u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, u it-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ imsejha fil-kawza, u wara li tilqa’ *in parte* it-talbiet attrici, tikkundanna lis-socjeta’ imsejha fil-kawza *Middle Sea Insurance plc* thallas lill-attur is-somma ta’ Lm400 (erba’ mitt lira Maltin), bhala kumpens ghat-telf tal-vettura tat-tip *FIAT Mirafiori*, numru tar-registrazzjoni *FAW-751*, bl-imghaxijiet legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu hekk: dawk tas-socjeta’ konvenuta *All Care Insurance Agency Ltd* jithallsu kollha mill-attur, waqt li l-ispejjes l-ohra jithallsu kwantu ghal-tlett kwarti (3/4) mill-attur, u kwart (1/4) mis-socjeta’ msejha fil-kawza, *Middle Sea Insurance plc* – u dana peress li, ghalkemm il-Qorti qablet mal-argumenti taghha, ma ddepositatx is-somma minnha offerta taht l-awtorita’ ta’ din il-Qorti biex tigi liberament moghtija lill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------